**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 270/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Louise Calleja)

vs

**Alexander Giacomotto**

iben Victor , imwieled Balzan, fil-15 ta' Settembru, 1951, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 730851(M)

Illum il-05 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Alexander Giacomotto quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat talli f' Diċembru 1996 u fis-snin ta' qabel, ġewwa San Pawl il-Baħar, Tas-Sliema u fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer, b' diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda;

1. B' egħmil zieni kkorrompa lil Omissis persuna ta' taħt l-eta', liema minuri ġie fdat lilu mqarr għal xi żmien, sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu u liema delitt sar bi vjolenza;

2. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lil privat li jarresta lill-ħati, arresta,

żamm jew issekwestra lil Omissis, persuna taħt l-eta' kontra l-volonta' tiegħu u dan bħala mezz biex hu jiġi mġiegħel jagħmel xi ħaġa, jew joqgħod għal xi ħaġa li joffendi il-mistħija tas-sess tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' Ġunju, 2014 fejn il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat limitatament in kwantu din tirreferi għat-tieni mputazzjoni u kwindi ddikjarat l-azzjoni in kwantu jirrigwarda r-reat ta' arrest u detenzjoni illegali bħala preskritta u konsegwentement estinta. Il-Qorti ċahdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik riferibbli għar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. Wara li rat l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-2 ta' Mejju 2007 u senjatament l-Artikoli 18 u 203 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu sitt (6) snin priġunerija.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan tordna li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-hruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija Omissis u dan skont il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Rat ir-rikors tal-appellant Alexander Giacomotto minnu ppreżentat fl-24 ta' Ġunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti li lliberat lill-appellant u tħassaraha f'dik il-parti li sabet ħtija u tilliberah, jew tikkonferma is-sentenza appellata u tbiddel il-piena f'waħda aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji sollevati mill-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-appell minn ntentat l-appellant iqanqal diversi lanjanzi diretti lejn is-sentenza appellata meta din sabitu ħati tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni fil-forma kontinwata tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' sitt snin priġunerija. Jilmenta b'mod ewlieni bin-nuqqas ta'l-Ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata billi jqies illi l-azzjoni penali hija perenta bit-trapass ta' bosta snin mill-kummissjoni tar-reat lilu addebitat. Imbagħad jikkritika l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti għaliex isostni illi l-parti offiża ma kienx xhud kredibbli u kien evidenti li dan kellu interess ulterjuri meta snin wara l-allegat abbuż huwa għamel ir-rapport tiegħu mal-pulizija. Mhux biss iżda fil-fehma tiegħu mill-provi kellu jemerġi illi l-parti leża kien irrinunzja għall-azzjoni kriminali u rtira l-kwerela minnu magħmula sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti ma setatx tkompli tisma' l-każ fid-dawl tal-fatt illi sabiex tirnexxi l-azzjoni penali kien jinħtieġ l-kwerela tal-parti offiża. Finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti u alternattivament għall-istess, l-appellant jitlob reviżjoni fil-piena imposta fuqu għal waħda aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu illi l-parti offiża jressaq ir-rapport tiegħu mal-pulizija diversi snin wara l-kummissjoni tal-allegat abbuż minnu subit minn taħt idejn l-appellant, u dan meta f'Jannar tas-sena 2006, *omissis* rrapporta illi meta kien student fl-iskola, mill-età ta' tnax-il sena, l-appellant, li kien l-għalliem tal-Ingliż tiegħu, beda jabbuża minnu sesswalment. Jirrakonta illi l-ewwel darba li ġie abbużat kien f'Diċembru 1991, għalkemm qabel dakinhar l-appellant kien ġieli jieħu kunfidenza żejda miegħu. Skond Omissis l-appellant kien talbu sabiex jakkumpanjah jagħmel xi xiri għal Milied u wara lestew dan il-qadi ħadu fl-appartament tiegħu ġewwa l-Qawra fejn hemmhekk urieh film pornografiku. Kif kien għaddej dan il-film, Omissis igħid li l-appellant biesu u talbu jagħmel sess orali miegħu fejn skond dak lil saħaq il-kwerelant, hu ħass li ma kellux għażla fiċ-ċirkostanzi u b'hekk kien issokkomba għal dawn l-avvanzi sesswali. Wara din l-okkażjoni jidher illi kien hemm episodji oħra ta' abbuż kemm fir-residenza tal-appellant kif ukoll barra fil-karozza. *Omissis* iżid illi f'xi okkażjonijiet meta l-abbuż kien iseħħ ġewwa d-dar tal-appellant dan kien anke jsakkar il-kamra tas-sodda u jneħħi ċ-ċavetta minn ġol-bieb biex b'hekk iżommu milli jitlaq liberament. *Omissis* iżid igħid illi l-appellant kien tah xi flus wara l-ewwel inċident u kien qal lill-kwerelant li hu kien jaf ħafna nies fil-pulizija u b'hekk seta' jieħdu sabiex jara l-operat tagħhom peress illi l-kwerelant kien interessat li jsir pulizija fiż-żmien in kwistjoni. Irriżulta wkoll illi l-appellant kompla jagħti rigali lill-kwerelant sakemm l-abbuż baqa' għaddej. Dan l-abbuż kien jikkonsisti f'sess orali kif ukoll dak anali u masturbazzjoni. Ġara illi fl-1993 l-appellant fetaħ *restaurant* fejn kien impjiega lill-kwerelant miegħu u kien talab lill-ġenituri tiegħu sabiex dan jibqa' jgħix miegħu fis-sajf biex jevita' li jkollu joqgħod iwasslu lura tas-Sliema kuljum. Minn dan il-mument *omissis* jallega illi l-abbuż sar ukoll vjolenti u dan għaliex huwa beda jirreżisti u jirrifjuta dawn l-avvanzi, iżda l-appellant kien jagħmel użu ta' forza sabiex jirnexxielu fl-atti ta' libidine ipperpetrati fuqu. L-aħħar abbuż seħħ fis-sena 1996 meta imbagħad il-

kwerelant, li kien issa kiber u kellu ċerta età, rreżista finalment għal dan l-abbuż u qata' kull kuntatt mal-appellant. Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija huwa għażel li ma jwieġeb għall-ebda mistoqsija li saritlu.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa fatt inkontestat illi l-allegat abbuż sesswali mill-appellant fuq il-persuna tal-parti offiża seħħ f'iktar minn okkażjoni waħda u fuq medda ta' ħames snin, bejn wieħed u ieħor, bl-ewwel att materjali jiġi kommess għal ħabta tal-Milied tas-sena 1991 u bl-aħħar vjolazzjoni tal-liġi imbagħad tiġi kommessa fis-sena 1996. *Omissis* imbagħad iressaq ir-rapport tiegħu mal-pulizija f' Jannar 2006 u ċioe' għaxar snin wara l-aħħar att kommissiv, bl-appellant jidher l-ewwel darba fil-qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi lilu addebitati fit-28 ta' Frar 2007. Illi allura l-perijodu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali għandu jibda jiddekorri mil-1996 u dan kif maħsub fl-artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant allura jikkontendi illi l-azzjoni penali hija perenta u dan għaliex fl-ewwel lok l-aggravanti għar-reat kif maħsub fl-artikolu 203(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li permezz tiegħu tiżdied il-piena ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni billi d-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla din iċ-ċirkostanza ma ġietx indikata mil-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju, u ukoll fil-fehma tiegħu lanqas iż-żieda fil-piena minħabba l-kontinwita' tar-reat ma għandha titqies għal fini ta komputazzjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli għar-reat.

Issa r-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni kif kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat kien igorr piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn tlett snin. Illi ir-reat biċ-ċirkostanzi aggravanti maħsuba fl-artikolu 203(c) tal-Kodiċi Kriminali igorr il-piena ta' priġunerija ta' bejn tlieta u sitt snin. Imbagħad bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali il-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi, biex allura, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-piena imbagħad titla' sa massimu ta' tnax-il sena jekk din tiġi awmentata b'żewġ gradi.

Illi għal dawk ir-reati li iġorru piena ta' priġunerija ta' tlett snin il-perijodu preskrittiv huwa ta' ħames snin (artikolu 688(d)), għar-reati li iġorru piena ta' sitt snin priġunerija, it-terminu ta' preskrizzjoni huwa għaxar snin u finalment dawk ir-reati li iġorru il-piena ta' tnax-il sena ħabs, l-azzjoni kriminali taqa' bid-dekors ta' ħmistax-il sena.

Issa l-Ewwel Qorti għaddiet biex applikat dan l-aħħar terminu ta' preskrizzjoni għall-azzjoni penali li kienet taħt il-lenti tagħha, ġaladarba qieset illi l-awment fil-piena minħabba c-ċirkostanzi aggravanti maħsuba fl-artikolu 203(ċ) u ukoll iż-żieda fil-piena b'żewġ gradi bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini ta' komputazzjoni tat-terminu li permezz tiegħu l-azzjoni penali tiġi estinta.

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament applikat dik il-piena għar-reat bl-aggravanti kif maħsub taħt l-artikolu 203(c) tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba dan is-sub-inċiz tal-liġi ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju, bl-artikolu jiġi indikat bħala l-artikolu 203 *sic et simpliciter*. Illi din il-Qorti diġà kellha okkażjoni tesprimi ruħha fuq ir-*ratio legis* wara n-nota ta' rinviju għal ġudizzju meta ġie hekk deċiż:

> **"Illi l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar dak li għandu ikun fiha l-att ta' l-akkuża meta fis-sub-inċiż (b) li jikkontempla l-parti narrattiva ta' l-att ta' l-akkuża hemm dispost illi l-Avukat Ġenerali "għandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena."**
>
> **Ikompli s-sub-inċiż (c) hekk meta jitkellem fuq il-parti akkużatorja ta' l-att ta'l-akkuża meta hemm dispost illi din tikkostitwixxi:**

**"ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

**Mela allura għalkemm fil-parti narrattiva ta' l-att ta'l-akkuża l-Avukat Ġenerali għandu jindika ċ-ċirkostanzi kollha ta' fatt li jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena u allura jirrendu ir-reat iktar gravi, madanakollu imbagħad fil-parti akkużatorja huwa biżżejjed illi jiġi indikat l-artikoli tal-liġi li jikkontempla ir-reat. Dan x'aktarx għaliex huwa rimess għal ġudizzju tal-ġurija popolari biex jiddeċiedu jekk il-fatti esposti mill-Avukat Ġenerali jirriżultawx ippruvati mill-evidenza li tinġieb waqt il-ġuri, fejn imbagħad il-kwistjoni dwar il-piena li għandha tiġi erogata f'każ ta' sejbien ta' ħtija għal fatti kif deċiżi mill-ġurati tiġi, imħollija f'idejn l-Imhallef togat.**

**Ekwiperata n-nota ta' rinviju għal ġudizzju ma'l-att ta'l-akkuża allura huwa bil-wisq evidenti illi huwa biżżejjed illi l-Avukat Ġenerali jindika l-artikoli tal-liġi li jikkontempla r-reat u dan kif hemm indikat b'mod speċifiku fl-artikolu tal-liġi suiċċitat. Issa huwa minnu illi n-nota ta' rinviju għal ġudizzju ma fihiex dik il-parti narrattiva bħalma fiha l-att ta' l-akkuża, iżda l-indikazzjoni tal-fatti tal-każ joħorġu mill-imputazzjonijiet kif originarjament mfassla kontra l-imputat. Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri" deċiża 18 ta' April 2012 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ġie deċiż illi:**

**"Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali u l-akkuża oriġinali jridu jiġu eżaminati flimkien għal dak li jirrigwarda l-fattispeċji partikolari tal-każ."**

**Dan għaliex, kif ingħad għalkemm in-nota ta' rinviju għal ġudizzju hija imqabbla mal-att ta'l-akkuża, madanakollu fiha hija mankanti dik l-parti narrattiva bħalma hemm fl-att ta' l-akkuża li titkellem dwar il-fattispecje tal-każ li abbażi tagħhom huma imsejsa ir-reati li jiġu hemmhekk imputati. Xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti allura stabbilit ir-reat, illi teroga dik il-piena li fil-fehma tagħha kienet tapplika għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz kif imfissra fl-imputazzjonijiet. Għalhekk stabbilit illi l-appellanti kien qed jiġi akkużat bir-reati ta'l-istupru vjolenti u l-korruzzjoni tal-minorenni, kien jispetta lill-Ewwel Qorti sabiex misjuba l-ħtija għal dawn ir-reati,**

**meta tiġi tqies il-piena li għandha tiġi erogata, tara jekk mill-fattispecje din kellhiex tiżdied minħabba xi ċirkostanza aggravvanti.**[1]

Illi il-Qorti m'għandha għalfejn iżżid xejn aktar ma' dak minnha mistqarr f'din is-sentenza, b'dan għalhekk illi ġaladarba l-Avukat Ġenerali għoġbu jindika l-artikolu 203 fl-intier tiegħu, dan għandu ifisser illi l-Ewwel Qorti kellha tqies dik il-piena applikabbli għar-reat li dwaru l-appellant ġie mixli minn fejn jirrizulta bħala fatt inkontestat illi huwa kien għalliem tal-parti offiża fiż-żmien li seħħ l-allegat abbuż. Il-piena għalhekk applikabbli fiż-żmien li seħħ ir-reat kienet dik tal-priġunerija ta' bejn tlieta u sitt snin kif hemm imfassal fl-artikolu 203(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Issa għal din il-piena l-artikolu 688(c) jistipula terminu ta' għaxar snin sabiex l-azzjoni penali titmexxa 'il quddiem. L-Ewwel Qorti madanakollu qieset illi il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli kellu ikun dak ta' ħmistax-il sena billi l-appellant kien ġie mixli bil-kontinwita' tar-reat kif imfassal fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-qrati tul iż-żmien kien dejjem wieħed kontrovers fuq din il-materja, kif tajjeb iddelinjat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, biex finalment addotat l-insenjament imfassal fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Pulis et[2]", li għamlet referenza *in extenso* għas-sentenza " Il-Pulizija v. Joseph Borg" deċiża fl-10 ta' Mejju 2000 fejn hemm ġie hekk argumentat:

**"Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 għaliex legalment aktar jagħmlu sens ġaladarba**

---

[1] Puizija vs Omissis deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali sede Inferjuri kif komposta nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

[2] 13/11/2012

**wieħed jaċċetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Liġi tagħna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Liġijiet oħrajn. It-test tal-Liġi jgħid hekk: 'dawn l-atti jitqiesu bħala wieħed'. Għalhekk l-argument li jidher fl-ewwel sentenza ċitata aktar 'il fuq jaqa' għaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wieħed, wieħed iżda ġaladarba l- katina r-reati tgħaqqad ir-reati kollha, dawn jibqgħu' ħajjin għall-fini tal-preskrizzjoni. L-imputat ikun ħa l-vantaġġ permezz tal-artikolu 18. Iżda mal-vantaġġ irid jieħu wkoll l-iżvantaġġ. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi r-reċidiva iżda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-aħħar li ġie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Leġislatur ried idaħħal ir-reat kontinwat, kellu żmien biżżejjed biex jagħmlu. Iżda dan ma setax jagħmlu mingħajr ma jibdel il-kunċett kif radikat fl-artikolu 18.**

Illi dan l-insenjament huwa imsejjes fuq żewġ binarji, bl-ewwel wieħed ikun dak illi l-artikolu 689[3] għandu jiġi interpretat *verbatim* meta hemm dispost illi huma dawk iċ-ċirkostanzi li jnaqqsu il-piena, u dak l-awment fil-piena minħabba ir-reċidiva, li m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalkolazzjoni tat-terminu preskrittiv. Imbagħad din il-linja ġurisprudenzjali tesponi illi ġaladarba *"d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda"* għandhom jitqies bhala reat wieħed u uniku, (u mhux bhala diversi reati), hija dik il-piena maħsuba mil-leġislatur għal dak ir-reat li għandha titqies ai fini ta' preskrizzjoni biex b'hekk allura ir-reat taħt l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali, kif aggravat, u li dwaru l-appellant huwa mixli, igorr piena sa massimu ta' tnax-il sena priġunerija (fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat) biex b'hekk allura l-azzjoni penali tiġi estinta bid-dekors ta' ħmistax-il sena mill-aħħar att kommissiv.

---

[3] Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva. In-nota marġinali tindika hekk: "Għaż-żmien tal-preskrizzjoni ma jittiħidx qies taċ- ċirkostanzi li jnaqqsu l-piena jew tar-reċidiva."

Illi l-Qorti taqbel ma' dan il-ħsieb ukoll għaliex ġaladarba il-persuna imputata mixlija bl-istess att vjolattiv tal-liġi kommess fuq medda ta' żmien magħmul bl-istess intenzjoni kriminuża għandu jitqies bhala reat wieħed u tingħata piena waħda, allura hija dik il-piena li għandha titqies għal fini ta' kalkolazzjoni taż-żmien tal-preskrizzjoni u mhux l-piena għal kull att kriminuż kommess mill-malvivent biex b'hekk allura ir-reat addebitat lill-appellant iġorr miegħu il-piena sa massimu ta' tnax-il sena priġunerija li għalih għandu japplika l-artikolu 688(b) tal-Kodiċi Kriminali. Illum il-leġislatur ħaseb ukoll sabiex iħares id-drittijiet tal-minuri li jkun ġie abbużat u li minħabba l-età tiegħu ma jirrapportax l-abbuż lill-awtoritajiet, meta bl-Att III tal-2020 l-artikolu 208B(6) jinkludi fih ir-reat tal-korruzzjoni ta' tfal taħt l-età biex b'hekk il-perijodu tal-preskrizzjoni għal din l-azzjoni kriminali illum għandu jibda jiddekorri mill-ġurnata meta l-vittma tkun ta'l-età.

Illi għal dawn il-motivi l-aggravji imqanqla mill-appellant marbuta mal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali qed jiġu miċħuda u s-sentenza appellata fir-rigward hija kkonfermata.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jargumenta wkoll illi l-azzjoni penali ma setatx tirnexxi għaliex il-parti offiża rtira l-kwerela minnu magħmula li għalih ifisser illi l-Ewwel Qorti ma setatx tkompli bis-smiegħ tal-kawża. Eżaminati l-atti mill-ġdid, il-Qorti tqies, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi anke dan l-ilment huwa infondat. Mill-atti ma tirriżulta ebda rinunzja għal kwerela mill-parti offiża tant illi anke meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fl-ebda waqt ma esprima ix-xewqa li jwaqqaf l-azzjoni kriminali istitwita kontra l-appellant. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant għamel minn kollox biex jipprova jikkonvinċi lil *Omissis* jirtira r-rapport minnu magħmul u saħansitra anke offrielu flus u rigali oħra, iżda l-ebda rinunzja formali ma saret mill-vittma. Illi għalkemm l-appellant jikkontendi illi *Omissis* saħansitra kien iffirma dokument ippreżentat lilu minn Dr. Luciano Busuttil,

meta l-avukat iddepona fil-Qorti huwa ma kienx f'pożizzjoni jidentifika lil kwerelant bhala l-istess persuna li ffirmat din ir-rinunzja. *In oltre* l-ispettur Louise Calleja tikkonferma fid-depożizzjoni tagħha illi fil-pussess tagħha qatt ma kellha ebda rinunzja tal-kwerelant u għalkemm kien hemm okkażjoni fejn dan ta'l-aħħar aċċenalha li seta' kellu dan il-ħsieb, tiftakar li kienet infurmatu li minħabba n-natura tal-allegazzjonijiet l-pulizija setgħu jipprosegwu *ex officio*. Illi allura l-provi li hemm fl-atti ma jilħqux il-grad meħtieġ mid-difiża sabiex jiġi ppruvat dan il-fatt u għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud wkoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi sorvolati l-aggravji marbuta mal-preskrizzjoni u l-kwerela, jifdal l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan meta l-appellant jilmenta min-nuqqas ta' attendibilita' ta' dak mistqarr mill-parti offiża. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha.[4]

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi għal dan il-għan il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali kollha, partikolarment ix-xhieda tal-parti offiża Omissis Omissis billi l-Ewwel Qorti tat affidament lil verżjoni tiegħu tal-fatti. Illi l-Qorti setgħet tosserva l-ewwel u qabel kollox illi *omissis*, il-parti offiża baqa' konsistenti fir-rakkont tiegħu dwar l-allegat abbużi fid-diversi okkażjonijiet li xehed fil-qorti. Ma nnegax illi wara li seħħ l-allegat abbuż kien hemm okkażjonijiet fejn huwa ltaqa' mal-appellant matul it-terapija li kien qed jirċievi minħabba problemi psikoloġiċi li żviluppaw aktar tard f'ħajtu. Lanqas jiċħad illi l-appellant offrielu l-għajnuna anke finanzjarja, li hu aċċetta. Dan seħħ fiż-żmien wara li kien ressaq ir-rapport tiegħu biex b'hekk din il-Qorti għandha is-serħan tal-moħħ illi dawn il- flejjes ma ġewx mitluba mill-parti offiża bhala xi forma ta' rikatt. Fil-fatt ma jidhirx illi *omissis* irrapporta l-abbuż subit minnu mal-ewwel okkażjoni li kellu biex jiftaħ qalbu lura meta kien jattendi l-iskola ma' sieħbu *omissis*. *Di piu'* ma hemm ebda prova in atti li b'xi mod tgiddeb dak li jixhed il-parti offiża meta jagħti dettal dwar kull okkażjoni meta l-appellant kien jabbuża minnu sesswalment. Dan l-abbuż saħansitra jidher li kien żdied meta l-parti offiża beda jqatta' xi ljieli fir-residenza ta'l-appellant bil-kunsens tal-ġenituri tiegħu fiż-żmien meta beda l-impjieg ġewwa r-*restaurant* ta'l-appellant. Ma hemmx dubbju allura illi l-appellant abbuża mis-setgħa tiegħu ta' għalliem meta stieden tifel ta' tnax-il sena sabiex jipparteċipa f'attivitajiet sesswali miegħu, bl-abbuż jinfirex fuq medda ta' madwar ħames snin. Kwindi anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sitt snin priġunerija li fil-fehma tal-appellant hija waħda eċċessiva. Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda li taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat bil-piena, kif diġà ingħad iktar 'il fuq, tista', fid-diskrezzjoni tal-qorti, tiżdied sa massimu ta' tnax-il sena priġunerija. In oltre jingħad illi peress illi l-piena fil-minimu tagħha hija dik ta' tlett snin priġunerija

u titla' fil-massimu tagħha sa tnax-il sena, dan jeskludi l-applikazzjoni ta' sentenza alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva taħt l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll ta' sentenza fil-komunità kif maħsub fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' l-Att dwar il-Probation.[5] Illi fuq kollox minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali ta'l-appellant jirrizulta illi huwa ġie misjub ħati ta' reati simili, liema ċirkostanza tħasseb ferm lil din il-Qorti. Finalment lanqas ma tista' tinjora il-Qorti l-effetti psikoloġiċi negattivi li kellu l-aġir tal-appellant fuq il-parti offiża li fl-aħħar spiċċa kellu jirċievi terapija sabiex jipprova jegħleb dawn l-esperjenzi ta' abbuż sesswali. Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti tqies illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti m'għandiex tiġi disturbata.

Għal dan il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

---

[5] Mhux punibbli b' aktar minn seba' snin priġunerija.